**30 ta' Mejju, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**– President**
**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Avukat Dottor Anton Farrugia Sacco u l-P.L. George Scicluna

*versus*

Eucharist Zammit

**Kuraturi ta' l-Elenku – Skeda tal-Kap. 12**

*Kawża dwar ħlas ta' drittijiet extra-ġudizzjarji ta' Kuraturi ta' l-Elenku li dehru fuq Kuntratt. Il-konvenut eċċepixxa "inter alia" illi n-nomina tal-kuraturi deputati ta' l-elenku hija limitata għall-atti ġudizzjarji biss u ma testendix għall-kuntratt li bih il-konvenuti kuraturi ġew ordnati jersqu. Il-Qorti tal-Kummerċ laqgħet it-talba ta' l-attur.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u fuq interpretazzjoni ta' l-artikoli tal-Liġi rriteniet illi l-liġi tagħti lill-Kuraturi maħruġa mill-elenku il-jedd għall-ħlas tad-drittijiet li jmisshom bħala Avukat u Prokuratur Legali f'kawża u ma jikkontemplax id-drittijiet tagħhom għal xogħol extra-ġudizzjali appuntu billi n-nomina tagħhom ma tistax tiġi estiża għal xogħol extra-ġudizzjarju. Ġew milqugħa l-eċċezzjonijiet tal-konvenut.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni pprezentat fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li bih l-atturi, wara li ppremettew li b'digriet tas-16 ta' Ġunju, 1981, ġew innominati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-kumpanija *'Summit Estates Limited'* fil-kawża fl-ismijiet 'Eucharist Zammit *vs* Dottor Anthony Farrugia Sacco *nomine et'* u fl-atti l-oħra kollha relattiv u sussegwenti; u premess illi l-kawża msemmija ġiet deċiża fis-6 ta' April, 1982; u premess illi l-Qorti ordnat ir-rexissjoni tal-kuntratt tal-25 ta' Jannar, 1967 fl-atti tan-Nutar Bonello Du Puis (Dok. A paragrafu 6 tad-deċiżjoni tas-sentenza); u premess illi l-atturi dehru fuq il-kuntratt li kien ġie ppubblikat min-Nutar Dottor Joseph F. Abela fis-16 ta' April, 1982; u premess illi l-atturi talbu li jiġi ntaxxat lilhom id-dritt għad-dehra fuq il-kuntratt imsemmi u li dan id-dritt ġie ntaxxat mija, erbgħa u tletin lira Maltija, tmien ċenteżmi u tlett milleżmi (Dok. B); u premess illi l-atturi b'ittra uffiċjali ta' l-20 ta' Mejju, 1983 talbu l-ħlas ta' dan l-ammont, iżda inutilment; l-istess atturi talbu li għar-raġunijiet

premessi l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-atturi s-somma fuq imsemmija ta' Lm134.08,3; l-ispejjeż, inklużi tliet liri, wieħed u disgħin ċenteżmu u sitt milleżmi ta' l-ittra uffiċjali msemmija (Dok. Ċ) u bl-imgħaxijiet legali mis-6 ta' April, 1982 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

1) In-nullità taċ-ċitazzjoni *stante* illi tammonta għal ċitazzjoni kollettiva fis-sens illi l-atturi huma żewġ persuni bi drittijiet separati, diversi u determinati kif jidher mit-Taxxa annessa maċ-ċitazzjoni Dok. "B". Għalhekk l-eċċipjent għandu jiġi lliberat mill-osservazzjoni tal-ġudizzju;

2) Illi fi kwalunkew każ u mingħajr preġudizzju tal-premess it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-atturi ġew innominati kuraturi fil-kawża *"Summit Estates Ltd"* u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti. In-nomina ta' kuraturi deputati in rappresentanza ta' konvenuti msiefra hija limitata għall-atti ġudizzjarji biss, u mhux għal kuntratt li l-konvenuti ġew ordnati jersqu għalih fis-sentenza ta' dik il-kawża. Fil-fatt f'dik il-kawża l-Qorti stess appuntat "kuraturi tal-kontumaċi" biex jirrappreżentaw lil *"Summit Estates Ltd"* fuq il-kuntratt li kellu jsir. Għalhekk, l-atturi ma kellhomx bażi ġuridiku fuq dak il-kuntratt, u għalhekk l-eċċipjenti m'għandux jiġi ppreġudikat minħabba l-apparenza tagħhom fuq il-kuntratt; l-atturi tħallsu *in toto* għad-drittijiet tagħhom ġudizzjarji;

3) Illi fi kwalunkwe każ, u miongħajr preġudizzju tal-

premess, l-ammont mitlub bħala drittijiet huwa esaġerat għaliex huwa bbażat fuq drittijiet *extra* ġudizzjarji li mhux il-każ. Jekk fil-fatt u fid-dritt l-atturi kellhom jidhru fuq il-kuntratt id-dritt tagħhom huwa analogu għal dak ta' kuraturi tal-kontumaċi li deher fuq il-kuntratt ċjoè, ta' mhux aktar minn tnax-il lira (Lm12);

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-konvenut;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' april, 1986 li biha għar-raġunijiet hemm esposti ddeċidiet billi prevja ċ-ċaħda ta' l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, laqgħet it-talba ta' l-atturi kif dedotta *fl-att taċ-ċitazzjoni*, l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut u dana wara li:

*Ikkunsidrat* dwar l-ewwel eċċezzjoni;

*Illi din l-eċċezzjoni*, illum, ċertament ma għandha l-ebda bażi legali u dana peress li jekk seta' kien hemm xi dubju, illum dan tneħħa bil-promulgazzjoni ta' l-Att Numru XIII ta' l-1985 li ġie mogħti l-kunsens tal-President tar-Repubblika fl-24 ta' Lulju, 1985. *Dan l-att 'inter alia'* żied artikolu ġdid fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ċjoè l-artikolu 155A u din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-azzjoni odjerna ta' l-atturi taqa' kompletament fil-konfini ta' l-imsemmi artikolu, li bl-istess att ġie magħmul applikabbli għal kull proċediment pendenti quddiem xi Qorti fil-bidu bis-saħħa ta' l-istess att;

*Omissis;*

Il-Qorti tillimita ruħha li tgħid li l-atturi ġew innominati kuraturi bie- jirrappreżentaw lis-soċjetà *Summit Estates Limited*

fil-kawża fl-ismijiet "Eucharist Zammit *vs* Dottor Anthony Farrugia Sacco *nomine et*" u fl-atti l-oħra kollha relattivi u sussegwenti. Malli saret dik in-nomina l-atturi odjerni kellhom id-dover, kif jgħid l-artikolu 935 tal-Kodiċi msemmi li "jagħmlu l-ħila tagħhom kollha għad-difiża ta' l-interessi li għalihom ikunu jidhru" u dan taħt ir-responsabbilità li "jwieġbu għad-danni u l-imgħaxijiet li jista' jkun hemm minħabba t-traskuraġni tagħhom". Dan id-dover tal-kuraturi ma waqafx malli ngħatat is-sentenza fis-6 ta' April, 1982, peress li kien jestendi għall-atti l-oħra kollha relattivi u sussegwenti. Partikolarment kien jestendi għall-kuntratt ta' rexissjoni li ġie ordnat bl-imsemmija sentenza u dan indipendentement mill-fatt jekk il-kuntratt ġiex ordnat li jiġi ppubblikat fl-edifiċċju tal-Qorti jew fl-uffiċċju tan-Nutar li ġie inkarigat jippubblika l-att bl-istess sentenza. L-atturi kellhom id-dover li jidhru fuq dak il-kuntratt mhux sempliċement b'mod passiv iżda b'mod attiv eżattament bil-mod solitu li jidher avukat bl-iskop li jissalvagwardja u jikkawtela l-interess tal-klijent tiegħu. Il-konvenut ma hux intitolat li jimpedixxi lill-atturi milli jaqdu dan id-dover tagħhom u lanqas jista' jindaħlilhom bil-mod kif jesegwixxu l-istess dover, għax għalkemm il-ħlas tad-drittijiet tal-kuraturi jkun a karigu provviżorjament tal-konvenut, però l-kuratur għandu d-dover li jikkawtela l-interessi tal-parti li jirrappreżenta u mhux tal-parti li tkun talbet in-nomina tiegħu u li tkun obbligata tħallsu provviżorjament;

In-nomina li saret bl-imsemmija sentenza tal-kuratur għall-eventwali kontumaċi ma tbiddel xejn il-posizzjoni legali li għadha kif issemmiet. Dan il-kuratur ma għandux il-funzjoni li jaqla' 'l barra u jissostitwixxi l-kuraturi preċedenti, iżda jiġi nnominat biex il-Qorti tassigura li tingħata esekuzzjoni tas-sentenza tagħha anki fil-każ li xi parti jogħġobha, għar-raġunijiet tagħha, li ma tippreżentax ruħha għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt;

Għalhekk anke t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut ma għandha l-ebda bażi legali peress li l-atturi mhux biss kellhom id-dritt iżda kellhom ukoll id-dover li jidhru għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tar-rexissjoni biex ikomplu jaqdu l-inkarigu li kienet tagħthom il-Qorti meta oriġinarjament kienet apputathom kuraturi;

Ikkunsidrat dwar it-tielet eċċezzjoni;

Illi l-konvenut qiegħed fl-aħħarnett jeċċepixxi illi l-ammont intaxxat lill-atturi u mitlub minnhom fiċ-ċitazzjoni huwa wieħed esaġerat u li *se mai* huwa intitolat biss għad-dritt li jkun ħaqqu l-kuratur tal-kontumaċi;

Illi anke din l-eċċezzjoni fil-fehma tal-Qorti ma hijiex ġustifikata. Diġà ntqal li l-funzjoni ta' l-atturi ma kinitx waħda li tekwivali l-funzjoni ta' kuraturi għall-eventwali kontumaċi. *Inoltre*, id-drittijiet pretiżi mill-atturi ġew intaxxati mir-Reġistratur u jirriżulta li saret interpellazzjoni uffiċjali għall-ħlas ta' l-istess drittijiet. Min-naħa l-oħra ma jirriżultax li l-konvenut aġixxa fit-termini ta' l-artikolu 555 ta' l-istess Kodiċi biex tiġi emendata t-taxxa maħruġa mir-Reġistratur. Lanqas ma jeżistu fil-fehma tal-Qorti, ebda ċirkostanzi li jinkwadraw irwieħhom fil-kontest tas-sub-artikolu (5) ta' l-imsemmi artikolu 555. Anzi d-dritt pretiż mill-atturi ġew sodisfaċentement ippruvat li jeżisti verament waqt li l-konvenut ma ppruvax li dan id-dritt ma għadux iseħħ;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Eucharist Zammit ippreżentata fis-17 ta' April, 1986;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut Eucharist Zammit ippreżentata fis-6 ta' Mejju, 1986, li biha, għar-raġunijiet hemm

esposti, talab li tiġi rrevokata s-sentenza mogħtija f'din il-kawża fid-9 ta' April, 1986 *inkwantu li kkundannatu jħallas lill-atturi* s-somma ta' mija u erba' u tletin lira tmien ċenteżmi u tliet millezmi (Lm135.08,3) u tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-appellant bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-atturi appellati ppreżentata fit-3 ta' Ġunju, 1986;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Kif *jidher* mill-petizzjoni ta' l-appell tiegħu, il-konvenut qiegħed javanza tliet aggravji kontra s-sentenza appellata u l-Qorti sejra tikkunsidra dawn l-aggravji *seriatim;*

L-ewwel aggravju tal-konvenut appellant huwa li għalkemm l-emenda magħmula mill-Att XIII ta' l-1985 li ppermettiet l-azzjoni kollettiva ġiet magħmula tapplika wkoll għal kull proċediment pendenti quddiem il-Qorti fid-data tal-bidu fis-seħħ *ta' dak* l-Att, *l-istess* emenda *tesiġi bħala kondizzjoni* li l-oġġett u r-raġuni tal-kawżi għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar u sewwa dwar kull attur, – ħaġa li skond il-konvenut appellant ma saritx f'dan il-każ;

Il-Qorti, wara li eżaminat iċ-ċitazzjoni odjerna, ma tarax li tista' taqbel mal-konvenut appellant li r-rekwiżit fuq imsemmi ma ġiex sodisfatt f'dan il-każ. Il-liġi fl-artikolu 155A tal-Kodiċi

ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tesiġi li l-oġġett u -raġuni tal-kawżi jkun iddikjarat b'mod ċar u sewwa dwar kull attur. Minn eżami taċ-ċitazzjoni jidher li dan ir-rekwiżit ġie sodisfatt billi jirriżulta ċar li l-oġġett tal-kawża huwa l-ħlas ta' dak lilhom allegatament *dovut skond taxxa annessa maċ-ċitazzjoni* li tindika separatament il-*quantum* dovut lil kull wieħed mill-atturi u tirriżulta wkoll ir-raġuni tat-talba, ċjoè l-ħlas *ta' dritt professjonali* allegatament dovut u naxxenti minn digriet ta' nomina ta' l-atturi bħala kuraturi. Għalhekk dan l-aggravju mhux fondat;

Il-konvenut appellant qiegħed jissottometti fit-tieni lok li l-karika ta' kuraturi hija limitata għall-atti ġudizzjarji biss u kwindi l-atturi ma jistgħux jippretendu li jitħallsu in konnessjoni ma' kuntratt li ġie ppubblikat min-Nutar Joseph F. Ablea fis-16 ta' April, 1982;

L-artikolu 89(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) *jiddisponi li disa'* Avukati *u disa' Prokuraturi* Legali u seba' kumputisti jiġu maħtura mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja **biex jaqdu fil-Qrati Superjuri, meta jeħtieġ skond dan il-Kodiċi** (sottolinear tal-Qorti) id-dmirijiet ta' kuraturi, ta' avukati jew prokuraturi legali *ex offico u ta' komputisti rispettivament.* L-artikolu 91 *jiddisponi li elenku* tal-persuni maħtura kif jingħad fuq għandu jiġi mwaħħal fir-Reġistru tal-Qrati Superjuri u fir-Reġistru *tal-Qorti* tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemuna. L-artikolu 929 ta' l-istess Kodiċi mbagħad jiddisponi li "barra mill-każijiet li fihom dan il-Kodiċi jipprovdi espressament għall-ħatra ta' kuraturi l-Qorti tista' wkoll taħtar kuraturi **biex jidhru u jiddefendu fil-Qrati Superjuri** (*sottolinear* tal-Qorti)..... (d) fl-interess ta' kull soċjetà kummerċjali jew kull għaqda ta' persuni li jkollha personalità ġuridika distinta jekk il-persuna

jew il-persuni li jkunu mogħtija r-rappresentanza tas-soċjetà jew ta' l-għaqda jkunu assenti minn Malta jew jekk ebda persuna jew persuni kif imsemmija ma jkollhomx dik il-personalità ġuridika distinta''. Il-Kodiċi mbagħad jipprovdi għall-ħruġ, twaħħil u notifika tal-bandi u jispiċċa biex jgħid fl-artikolu 934 li ''jekk ħadd ma jidher fiż-żmien ta' erbat ijiem fuq imsemmi, inkella l-Qorti ma twettaqx bħala kuratur lill-persuna li tkun dehret, il-Qorti taħtar bħala kuraturi avukat u prokuratur legali minn dawk imnizzlin fl-elenku msemmi fl-artikolu 91 fuq ċitat;

Ikkunsidrat:

Mhux ikkontestat fil-każ preżenti li l-atturi ġew innominati kuraturi biex jirrappreżentaw il-kumpanija *Summit Estates Limited* taħt id-disposizzjonijiet fuq ċitati *in estenso* mill-Qorti. In-nomina tagħhom għalhekk hija ċirkoskritta bit-termini ta' l-imsemmija disposizzjonijiet. Dawn, fil-fehma tal-Qorti, juru ċar li l-atturi ġew innominati kuraturi biex jaqdu d-dmirijiet tagħhom fil-Qrati Superjuri u preċiżament id-dmir tagħhom li jidhru u jiddefendu fil-Qrati Superjuri l-kumpanija fuq imsemmija. Il-ħatra ta' l-atturi bħala kuraturi għalhekk ma tistax tiġi estiża għall-kuntratt tar-rexxissjoni fuq imsemmi ippubblikat wara li spiċċat il-kawża fil-Qorti billi l-inkariku tagħhom huwa limitat fil-kliem tal-liġi ''biex jidhru u jiddefendu fil-Qrati Superjuri'';

Il-Qorti ma tarax li l-atturi jistgħu jieħdu xi argument favur dak li qegħdin isostnu miċ-ċirkostanza li fil-prattika jingħad li l-kuraturi qegħdin jiġu nnominati ''fl-atti relattivi u sussegwenti''. Apparti li din il-frażi ma toħroġx mid-disposizzjonijiet relattivi bil-liġi, huwa ovvju li tali frazi għandha tiġi interpretata relattivament għal dak li tgħid il-liġi. Il-kuraturi, skond il-liġi (art. 929) jiġu nnominati biex jidhru u jiddefendu

fil-Qrati Superjuri. Jista' jkun hemm atti relattivi u sussegwenti għall-proċeduri li fihom il-kuraturi jkunu ġew innominati biex jidhru u jiddefendu, bħal per eżempju mandati, u f'dawn l-atti l-oħra huma jistgħu jidhru u jiddefendu l-persuna jew soċjetà in kwistjoni skond il-każ mingħajr il-ħtieġa ta' nomina oħra. Iżda skond il-liġi l-atti jridu jkunu atti quddiem il-Qorti u n-nomina tal-kuraturi ma tistax f'dan il-każ tiġi estiża għal atti *extra-ġudizzjali* bħal ma huwa kuntratt, billi l-istess nomina għandha tiġi miftehma li saret fil-parametri tal-liġi;

Lanqas ma jistgħu l-atturi jiġbdu xi argument favur dak li *qegħdin jippretendu mill-art. 936 ta' l-imsemmi Kodiċi* li jiddisponi li l-kuraturi għandhom jagħmlu l-ħila tagħhom kollha għad-difiża ta' l-interessi li għalihom ikunu jidhru. Huwa evidenti li din id-disposizzjoni, li għandha tiġi interpretata fid-dawl tad-disposizzjonijiet preċedenti fil-Kodiċi, qiegħda tirriferixxi għad-dmir tal-kuraturi li jidhru u jiddefendu fil-Qrati Superjuri. Li dan hu hekk joħroġ ukoll mill-artikolu sussegwenti, l-artikolu 937, li jikkontempla d-dmirijiet tal-prokuratur legali maħtur bħala kuratur u li jiddisponi li hu għandu jfittex iġib lill-avukat l-informazzjonijiet dwar kull fatt li l-avukat jitolbu, jippreżenta l-iskritturi, jidher għas-smigħ tal-kawża, u jagħti lill-avukat kull assistenza oħrameħtieġa, – funzjonijiet dawn kollha konnessi ma' proċeduri quddiem il-Qorti;

L-artikolu 938 imbagħad ikompli jikkonferma l-konklużjoni tal-Qorti. Skond dan l-artikolu l-kuraturi maħturin mill-elenku (bħal f'dan il-każ) għandhom jedd rispettivament għall-ħlas tad-drittijiet li, skond it-Tariffa fl-Iskeda A li hemm mal-Kodiċi, soltu jmissu lill-Avukat u Prokuratur Legali **fil-kawża.** Il-liġi stess mela tagħti lill-kuraturi maħtura mill-elenku il-jedd għall-ħlas tad-drittijiet li jmisshom avukat u prokuratur legali f'kawża u

ma *kkontemplatx id-drittijiet tagħhom* għal xogħol *extra*-ġudizzjarju appuntu billi n-nomina tagħhom ma setgħetx tiġi estiża għal xogħol *extra*-ġudizzjarju;

Il-Qorti għalhekk taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenut appellant li n-nomina ta' l-atturi bħala kuraturi ma kinitx testendi ruħha għall-kuntratt ta' rexxissjoni fuq imsemmi;

*Ikkunsidrat:*

Il-konvenut appellant qed joġġezzjona fit-tielet lok għal dik il-parti tas-sentenza li rritjeniet li l-attur naqas jaġixxi fit-terminu ta' xahar ikkontemplat fl-artikolu 555 (illum 556, Kap. 12) ta' l-imsemmi Kodiċi biex jimpunja t-taxxa rilaxxata mir-Reġistratur;

Billi l-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħda tirritjeni li l-funzjonijiet ta' l-atturi bħala kuraturi ta' l-elenku ma kinux jestendu ruħhom għall-kuntratt fuq indikat, japplika l-artikolu 556(5) (ġà l-artikolu 555) tal-Kodiċi invokat mill-konvenut appellant li jiddisponi li l-għeluq taż-żmien fuq imsemmi (i.e. dak ta' xahar) mhux ta' xkiel għad-debitur biex b'kull mod mogħti mil-liġi jattakka l-eżistenza tad-dritt mitlub – u dana hu appuntu dak li qed jagħmel il-konvenut appellant f'din il-kawża;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u fil-waqt li tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut appellant, tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjoni tiegħu, u kwindi tiċħad ukoll it-talba magħmula fiċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza,

jitħallsu kwantu għal żewġ terzi (⅔) mill-atturi u kwantu għal terz (⅓) mill-konvenut appellant.